MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Numru. 867/2003

**Pulizija**
**(Spettur Pio Pisani)**

**vs**

**Anthony Abela**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anthony Abela ta' 45 sena, bin Carmelo u Melita nee' Gauci, imwieled Pieta' nhar il-21 ta' Gunju 1958 u residenti 'Suret il-Bniedem', Triq San Albert, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' numru 0440358(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F' dawn il-Gzejjer, u cioe' fix-showroom tal-'Berks' fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, nhar il-31 ta' Lulju 2001 ghal

habta ta' 2300hrs dahal fil-fond numru 75/77 fi Triq il-Kostituzzjoni,biex jaghmel serq u hsara fil-propjeta' ta' Carmel Pace (Art. 330 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Fl-istess post, data, hin u cirkostanzi ikkommetta serq ta' 'ghodod ghad-dannu ta' Francis Vassallo (detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0486454(M), li jiswew Lm150, dan is-serq huwa ikkwalifikat ksur, valur, hin (Art 261, 264, 267, 270, 278, 279, 280, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Fl-istess post, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' il-bieb ta' l-aluminium tax-showroom ta' Berks propjeta' ta' Carmelo Pace, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira, imma hija izjed minn hamsin lira Maltin. (Art.325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Huwa persuna recidiva wara li kien gie ikkundannat ghal reati b' sentenzi li kienu saru definittivi, u rega ghamel reat iehor.(Art. 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Ottubru 2003 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-22 ta' Ottubru 2003 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2009 ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament ghal serq aggravat bil-mezz u bil-hin izda mhux bil-valur.

Rat li fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2009 il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li l-ewwel akkuza kienet mezz ghal fini tat-tieni akkuza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa izda limitatament in kwantu jirrigwarda serq aggravat bil-mezz u bil-hin izda mhux bil-valur stante li dan l-aggravju ma jirrizultax pruvat. Il-Qorti inoltre qed tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu stante li din ma tirrizultax pruvata peress li ma ngabitx il-prova li giet kagunata hsara volontarja mill-fond minn fejn sar ir-reat ta' serq aggravat bil-mezz u bil-hin ammess mill-imputat. L-imputat qieghed jinsab hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu stante li ngabet id-debita prova tar-recidiva permezz tas-sentenzi esebiti a fol. 41 sa 64 tal-atti processwali. L-imputat qieghed jinsab ukoll hati tal-ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda ghal finijiet ta' piena din qed titqies li kienet mezz ghal fini tat-tieni (2) akkuza u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa ben stradat fit-triq tal-kriminalita' u wehel piena ta' habs f'diversi okkazzjonijiet. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll li l-imputat kellu problemi ta' abbuz ta' droga u xorb u anki l-fatt li huwa rritorna r-res furtiva mil-ewwel (1) u ddikjara li kien qed jiddispjacih ghal

dak li ghamel u ghalhekk ghalkemm ser tigi imposta piena karcerarja din ser tigi applikata fil-minimum taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 278, 330, 17, 31,49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba (4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah disa’ (9) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------